MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 688/2008

**Simonds Farsons Cisk plc (C 113)**

**vs**

**Ludvic Camilleri (KI 167476M)
u Yullya Camilleri (KI 22395A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fil-14 ta' Novembru 2008, fejn is-socjeta` attrici talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn disa`mija u erba` u hamsin Euro u disa` u erbghin centezmu (€2,954.49), li tirrapprezenta self moghti lill-konvenut, u hija dovuta mill-istess konvenut favur is-socjeta` attrici Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C113) skond l-anness *statement of account* immarkat Dok A u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazjoni tal-kawza. Illi l-konvenut, ghalkemm interpellati diversi drabi huma baqghu

inadempjenti. Bl-ispejjez, inkluzi dak tal-Mandat ta' Sekwestru u tal-Mandat Kawtelatorju, u bl-imghax kummercjali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut, li huwa issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra l-**verbal** tal-24 ta' Ottubru 2008, fejn il-konvenut Yullya Camilleri dehret u ddikjara tilli kienet ser tikkontesta l-kawza u fejn il-konvneut Ludvic Camilleri msejjah tlett darbiet ma deherx.

Ra r-**risposta** tal-konvenuta Yullya Camilleri fejn ecceppiet illi l-ammont pretiz mhux kollu dovut in solidum mill-kontendenti flimkien u dana peress illi kien sar self iehor f'Ottubru 2005 *ad insapute* ta' l-intimata meta din kienet giet *de facto* separata u s-self ma jistax jitqis bhala att ta' amministrazzjoni ordinarja liema ammont kien fis-somma ta' €1729.33 liema ammont allura fil-konfront ta' l-istanti ghandu jigi ridott a priori lill-istanti mis-somma reklamata. Illi inoltre mis-somma reklamata ghandha tigi ridotta somma varjuri li gia ttiehdet mill-esponenti kif ser jirrizulta mis-smigh u trattazzjoni ta' din il-kawza.

Ra u sema' l-provi tas-socjeta` attrici fejn ipprezentat zewg (2) dokumenti u cioe` Dok A konsistenti f'*agreement* u Dok B konsistenti fi *statement.*

Ra illi l-konvenut Ludvic Camilleri gie debitament notifikat izda naqas milli jippresenta riposta.

Ra illi ghal tlett seduti konsekuttivi, l-konvenuti la dehru u wisq anqas ressqu xi provi in sostenn, partikolarment l-konvenuta, tad-difiza taghha, filwaqt illi l-konvenut baqa` kontumaci.

Ikkunsidra :

Illi filwaqt illi l-konvenut Ludvic Camilleri huwa kontumaci, il-konvenuta Yullya Camilleri ressqet risposta pero` ma ressqitx sabiex tissostanzja l-istess risposta.

Illi ghalhekk l-provi tas-socjeta` attrici mhumiex kontradetti.

Illi di piu`, mill-istess riposta tal-konvenuta jidher illi hija ssostni illi kienet gja separata *de facto* meta sar xi parti mis-self mertu tal-kawza odjerna – tezi ta' difiza din insostenibbli fiha nnifsa peress illi kif dikjarat fl-istess risposta, il-koppja konvenuta kienet biss separata *de facto*.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, it-Tribunal ihoss opportun illi jilqa` t-talba attrici kif dedotta.

**GHALDAQSTANT**, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-provi prodotti, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u ukoll fil-kontumacja tal-konvenut, jilqa` t-talba attrici kif dedotta u jordna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn disa`mija u erba` u hamsin Euro u disa` u erbghin centezmu (€2,954.49), ghar-ragunijiet dedotti fl-Avviz,

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenuti kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------